Laqgħa tal-Kunsill tal-Ġimgħa 13 Lulju 2012

Minuti tal-Hdax (11) Laqgħa tkomplija tal-Minuti tat-Tmienja (08) tas-Seba (07) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċini Amministrattivi tal-istess Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa, 13 ta' Lulju, 2012 fis-18.45 ta' filgħaxija.

Il-Laqgħa bdiet fis-18.45 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Hin Dħul | Hin Hruġ |
|---|---|---|
| Is-Sur Mario Salerno (Sindku) | 18.45hrs | 20.30hrs |
| Is-Sur Alex Bezzina (Viċi-Sindku) | 18.45hrs | 20:12hrs |
| Il-Perit Graziella Galea | 18.45hrs | 20.30hrs |
| Is-Sur John Bray | Skużat | |
| Is-Sur Raymond Tabone | 18.45hrs | 20.30hrs |
| Is-Sna Mandy Buhagiar | 18.45hrs | 20.20hrs |
| Is-Sur Peter Abela | Skużat | |
| Is-Sur Jason Camilleri | 18.45hrs | 20:22hrs |
| L-Avukat Robert Anthony Piscopo | 18.45hrs | 20.30hrs |
| Is-Sna Anne Marie Fenech | 18.45hrs | 19.40hrs |
| Il-Perit Daniel Grima | 18.45hrs | 20.30hrs |
| Is-Sna Jane Chircop | 18.45hrs | 20.30hrs |
| Is-Sur Carmel Hili | 18.45hrs | 20.30hrs |

Fetaħ il-laqgħa is-Sur Mario Salerno

George Abdilla

Korrispondenza:
Is-Sna Graziella Galea talbet li għal-laqgħa li gejja tingħata lista tal-korrispondenza.

**Korrispondenza**

Is-Sur Ray Bartolo – issa li qed nirċievu il-korrispondenza id-dar, x'ser jiġri mid-deċiżjonijiet.

Is-Sur Salerno - Sistema tal-*pegeon holes* ħalli il-korrispondenza tinqara mis-Segretarju u s-Sindku u titpoġġa fuq il-*peigeon holes* ta kull kunsilleri skont il ħtieġa.

*Dhalia* – dawn talbuna li jagħmlu *mobile office* fil-pjazza. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u ma laqgħax it-talba tad-*Dahlia* li jintramgħa uffiċċju fil-Pjazza.

Is-Sur Raymond Tabone talab li tinħadem *Policy* ħalli dawn it-talbiet jiġu indirizzati sew. M'huwiex sew li kulħadd sar irrid jarma' mobile office / kiosk ġoll pjazza meta għanda il-ħwienet iħalsu il-kera u permessi biex joperaw. Graziella Galea s-suġġeriet li tinħadem *by law*. Is-sindku issugerixa li jitwaqqaf *Working Committee* biex jistabilixi siti fejn dawn jistgħu jarmaw', jikkonsulta mal-GRTU u hekk. Il-working Group ser ikun magħmul mis-Sur Mario Salerno, Is-Sinjura Jane Chircop, Is-Sinjura Graziella Galea, is-Sur Raymond Tabone u is-Sur Daniel Grima.

Talba ta' *Hot Dog Koisk* – Graziella Galea qalet li din trid tgħaddi għand il-Puluzija. George Abdilla qal li aħna xorta irridu nagħmlu *Objection* jew *No Objection.*
Is-Sur Jason Camilleri saqsa fejn din trid tarma? Is-Segretarju qal li skond l-ittra din tixtieq toqgħod jew qabel in-nizla tal-*Waterfunpark*, jew ftit qabel. Is-Sindku qal, li fuq il-bankina ma' jkunx hemm spazju. Is-segretarju qal li fuq il-bankina ma tistax toqgħod skond il-ligi. *Hawker* ma' jistax jarma fuq bankina. Is-sindku qal li ma tinatax permess u nirreferu għal-ligi.

Talba mingħand *Busker* biex jarma' viċin il-pjazza. Is-segretarju osserva li għalkemm qabel kienu ħargu permessi jew *No Objections* fir-rigward ta' *Buskers*, dawn skond il-ligi ma għandhomx għalfejn ikollhom xi forma ta' permess mill-Kunsill. Dawn huma r-regolati mill-ligi. Busker skond il-ligi huwa wieħed li qed jagħmel artigjanat, musiċist, jew qed jaħdem xi ħaga bl-idejn. Skond il-ligi dawn jistaw' joqgħodu fejn irridu, basta ma jkunux ta' sgombru għan-nies, eżempju ma iddejaqx in-nies b'genratur. Is-Sur Raymond Tabone saqsa jekk dawn jistawx joqgħodu fejn irridu, u għaliex *hawker* le allura? Segretaju spjega li *hawker* u busker mhumiex l-istess u fil-ligi huma differenti min xulxin. Is-sindku saqsa x'hini il-way forward. Is-segretarju qal li dawn ma għandhomx bzonn ta permess mill-Kunsill Lokali, u meta inħarġu permessi qabel mill-Kunsill, dan kien qed jikser il-ligi. Is-Sindku qal li jinħargilhom *No Objection* u jkunu r-regolati mill-Puluzija.

Talba tal-Azzure – Mobile Turist info Centre – Segretaju spjega li dawn it-tip ta' requests huma ħafna drabi uffiċji tat-*timeshare* u mhux TIO. Għaldaqstant talab li jinagħata il -permess li jintaqa' magħhom ħalli jaraw sew x'irdu u jirrefferi lura lil Kunsill. Jane qalet li jek dawn *Time Share* huma ir-regolati mil-ligi. Għal-darba oħra s-Sindku irrefera li għanda tinħadem Policy ta' fejn dawn jistaw jaħdmu. Hemm bzonn li niltaqaw mal Puluzija, MHRA u il-kunsilliera biex tinħadem *Policy* fuq xiex dawn ikunu jistaw jaħdmu.

Talba ta-MTA biex titella' World Tourism Day fis-27 ta'Settembru. Is-Sindku qal li fil-*meeting* li kelna ma l-Onorevli Mario de Marco, talab li ikolna għaxart ijiem ta' attivitajiet gewwa il-Lokal. Kulhadd qabel ma' din il-proposta. Is-Sur Carmel Hili gibed l-attenzjoni li l-attivitajiet ikunu imqassma mal-Lokal kollhu. Is-Sur Raymond Tabone qal li-normalment jiddeċidi l-organizatur, pero aħna nistaw nipuntwlhom fejn wieħed jista' jarma'. Is-Sindku talb lis-Sinjura Mandy Buhagiar biex taħdem fuq din l-attivita.

**Dħul ta' Fondi:**

Skeda tal pagamenti Dsatax ta' Ġunju – Tlettax ta Lulju

Is-Sindku qal li konna qbilna li t-talbiet ta' ġurnata qabel ma għandhomx jittelaw għal pagament ħalli wieħed ikollu ċ-ċans jarhom u jiverifika. Inzamm pagament mis-Sindku lil-kuntratur li għalih la kient ħarget *Works Order* u lanqas sar ix-xogħol. Dan ix-xogħol kien gie diskuss fil-Kunsill, u kellu jingħadda lil Transport Malta. Is-Sur Ray Bartolo saqsa' lis-Sindku min kien iffirma dan iċ-ċekk? Iċ-ċekk kein iffirmat mis-Sindku u s-Segretaju. Is-Segretarju spjega li dan kien xogħol li intalab qabel ma beda jaħdem il-Kunsill u ma kiex jaf eżattament x' gara qabel. Is-sindku reġgħa talab li kull kunsiller jendorzja il-*Works Order*, ikun hemm endorsement tal-*Works Manager*, periti, u hekk. *Works Orders* iridu jkunu iċekjati mis-Sindku, u jkunu *endorsed* mill-kunsillier responsabli. Ray Bartolo qal, li għadna ma approvajnx ħlassijiet fil-Kunsill allura mhux suppost qed joħorgu pagamenti.Irridu inkunu ċerti li l-proċedura qed taħdem.Is-Sindku reġgħa talab li l-kunsiliera għandhom jendorsjaw il-pagamenti, u din trid taħdem. Is-Sindku propona li kull kunsillier ikollu *Logbook* fejn fiħ inizzel l-affarijiet, meta jkun għaddija lis-Segretarju, u dettalji simili, ħalli wieħed ikollu iktar *tracking* tax-xogħolijiet kollha.

Il-Perit Daniel saqsa fuq xogħlijiet li saru ta *patching* li ma kienux żammew, pereżempju ta' triq Ġulju. Is-Sur Raymond Tabone spjega li dawn kienu *emergency repairs*, sakemm isir ix-xogħol mill Kuntrattur sew. Is-Sindku reggħa talb biex jinġab it-tender ta *hot asphalt* min Transport Malta, ħalli jkun jista' jinħareġ it-tender tal-Kunsill għal dan it-tip ta xogħol. Is-Sur Ray Tabone qal li fil-verita, il-Kunsill ma' għandux il-fondi biżżejjed biex jirranġa il-ħsarat li hemm. Is-Sindku jrid li jkolna Kuntratturi li ikunu kapaċi jagħmlu ix-xogħol li jlaħaq ma' l aspetativa tal-Kunsill u jsiru fil-ħin.

Is-sindku talab lill-kunsillieria jaraw dawn il-pagamenti u jigu bil-mistoqsijeit darba oħra. Carmel Hili talab spjegazzjoni fuq item tal Karnival – fejn is-Segretarju spjega li din kienet nefqa li saret is-sena ta qabel u mhux din is-sena u il-kont ma kienx wasal. Il-kont filfatt huwa ta' Design, Printing & Distribution. Is-Sur Carmel Hili għamel *Query* ukoll fuq skip fis-Sirens. Din kinet Cleanup li saret mid-Divers fl-akwati tas-Sirens, fejn il-Kunsill assista billi offra Skip. Saqsa wkoll dwar item immarkat bħal *hiring of lights* f' San Pawl Milqi. Is-Sur Ray Bartolo spjega li dan fil-fatt kien xiri u mhux kiri, u hemm korrispondenza fuq dan is-suggett. Id-dwal inxtarha għal attivita ta Festa Bdiewa u ser jibqaw jintuzaw, ser jitħalsu mill-kumitat amministrattiv ta Burmarrad.

Graziella Galea tablet li tinħareġ Kwottazzjoni għall-ħasil ta l-isqaq għax ser nispiċċaw naqbżu l-amont ta' *Direct Order*. Jane Chircop tablet li dan l-isqaq issir tabella fejn tiprojbixxi l-aċċess għal min għandu il-klieb. Is-Segretarju osserva li wieħed ma għandux id-dritt jikser id-drittijiet tan-nies, u li hemm bżonn ta' infurzar tal-ligi. Ray Bartolo talab li itwaħħal tabella biex titnaqqas il problema.

Skip ta l-argientier – Ray Bartolo saqsa jekk l-*skip* tal-Artgientier tbiddilx għax dan kien ilu fuq xahar u nofs. Is-Segretrju wieġeb li inħarget l-ordni biex jidbiddel dan l-*skip*. Jason Camilleri qal li dan għandu jinħareg *Default Notice* jekk il-kuntrattur mhuwiex qed jieħu azzjoni.

Is-Sur Ray Bartolo – is-sistema tal-*e-mail* fejn qeda tmur għand kulħadd qed toħloq problema ta' min ser jieħu azzjoni, għax wieħed mhux ikun jaf min għandu jew qed jieħu azzijoni. Jane Chircop gibdet l-attenzjoni li meta wieħed jibgħat *complaint* qed jirċievi *acknowledgment* u xejn iktar. Is-Segretarju spjega li s-sistema qeda li meta tidħol korripondenza, din tiġi *flagged* min Sandra għal uzu tal-iskrivana. Decline taħdem fuq *complaints*. Is-Sindku qal li hemm bzonn *ledger* ħalli wieħed ikun jaf x'hemm u x'mhemx. Irridu li kul *complaint*, ikun imniżżel fil-*ledger* ħali jkun jaf x'hinu jiġri.

Skeda ta' Pagamenti naraw u nitkelmu l-Erbgħa 18th Ta Lulju. Il-Kunsilliera jrridu jaraw dan il-pagamaneti u jiverifikaw li xogħol sar. Ray Bartolo osserva il-pagamenti għandhom ma

ġewx awtorizzati mill-lewwel laqgħa u allura mhux suppost qed issiru ħlassijiet. Dan skond il-ligi. Sa nhar l-Erbgħa għandhom allura iduru il pagamenti u jigu b'xi *queries* li jista jkun hemm.

Kompjuters– Ray Bartolo saqsa fuq il-Kompjuters li inxtara. Is-Segretarju spejga li inxtara computer sabiex id-dipartiment tas-sigurta soċjali jkun jista' joffri servizz xogħol mill-kunsill. Dan inxtara għax il-Kunsill ma' għandux kompjuters, għall li hemm huma spiċċuti. Is-Segretarju ġab *kwotazzjonijiet* u inxtara min għand Scan, wara li ikonsulta mas-Sindku. Ray Bartolo spejga li qabel ma tohrog quote, din trid titella il Kunsill. Is-sindku talab lis s-Segretaju biex idaħal fl-agenda item approivazzjoni ta' nfiq. Rigward il-Kompjuters li hemm isfel, Is-Sindku kien tkellem mas-Sur John Camilleri fejn dan kien qal li hemm numru ta' affariiet spiċċuti. George Abdilla qabel ma xtara l-Kompjuter kien fil fatt iċċekja dawn il-kompjuters, pero dawn jew ma kienux jaħdmu jew kienu spiċċuti totalment. S-Segretarju qabel ma ġab kwotazzjonijiet kien tkellem mas Sindku u talbu biex jixtri dan il-kompjuter għal-użu tad-Dipartiment tas-Sigurta soċjali kif ukoll għal-użu tal-kunsilliera.

Laptop query – Is-Sur Robert Piscopo kien għamel query fuq xiri ta' *laptps* għall-Kunsill. Is-Sindku spjega li il-laptop li kellha Graziella Galea qiegħed għand il-Kunsill u presentament qed jintuza mis –Segretarju. Dan il-*laptop* għandu bżonn ċertu manitenzjoni. Il-*laptop* li kellu is-Sur John Camilleri, dan ħadu miegħu għax hu meta kien ġie il-Kunsill kellu il-laptop tiegħu u dan spiċċa inkiser. Is-Sur Jason Camilleri saqsa x'kien ġara mill-*laptop* li inxtara l-aħħar mill-kunsill? George Abdilla spejga li mill-informazjoni li għandu, is-Sur John Camilleri kien ġab Kompjuter miegħu li waqt il-ħin tax-xogħol inkisirlu, u ħa computer mieghu. Is-sindku saqsa fuq- inventarju. L-Inventarju qiegħed għand Romina, u fil fatt hemm bzonn li numru ta' *items* jigu *written off.*

Dwar il-Kompjuter li għandu is-Sur John Camilleri, rridu niċċekjaw fuq dan u jekk iittieħed jigi lura.

Is-Sindku qal li jekk hemm affarijiet li rridu jiġu *written off*, għandu ikun hemm tlett min-nies, ħalli jagħmlu lista jiċċekjaw dawn l-affarijiet u wara jitelaw għall-Kunsill biex jieħu deċiżjoni. Is-Segretarju qal li ġa qabad *technician* jiċċekja l-equipment, u dawn huma *obsolete.* Jane Chircop, Mandy Buhagiar u George Abdilla ser jiċċekjaw dawn l-*equipment* u jagħmlu lista għall-Kunsill.

Is-Segretaju spjega li hemm bzonn ta' numru ta kompjuters – dawn huma żewgt komputers biex jintuzaw mill-Publiku, kif ukoll żewgt *laptops* għal uzu tas-Segretaju u s-Sindku. Hemm bżonn ukoll ta' *laptop* għas-sistema ta SFD li qed juza' Daniel. Il-kompjuter li hemm fill-karma tal-kunsilliera qed jintuża' mid Dipartiment tas-Sigurta soċjali nhar ta' ħamis filgħodu. Il-bqija, dan il-kompjuter jista' jintuza mill-kunsilliera. Il-konklużjoni – x'ser jinxtaraw żewgt laptops u zewgt towers. Dan għandu jsir permezz ta' talba għal kwotazzjonijiet fil- gazetta.

Raymond Tabone saqsa dwar il magni tal-ilma li suppost gabulna. Is-Segretaju spjega li kemm il-kumpanija tal-ilma kif ukoll tal-printers li ġabet Jane, ma għandhomx avalible l-affarijiet u huma ordnati.

S-sostituzjoni ta' William Vella u issa ukoll ta' Candice Zarb. Is-segretarju spejaga li wara li kellnha l-aħħar interviews, intazlu żewġt mit-tlett applikanti sabiex jidħlu jaħdmu mall-Kunsill. Waħda minhom ġa bdiet, l-oħra qed taħdem in-notice taħha u tidħol madwar ħames ġimgħat oħra. Spjega ukoll li talab lid-Dipartimnet (u dan qabel) li jekk japrova il-Kunsill u ETC, tkun tista tiddħal it tielet persuna sostinuzjoni ta' William. Ikun baqa pero li tinħareg *call for applications* oħra issa biex tidħol persuna flok Candice.

Raymond Tabone osserva li il-Kunsill kien talab għal zewgt impjegati, allura ma għandiex tiddaħal it-tielet persuna iżda terga issir *call for applications ohra.*

Grazella Galea qalet li it-tielet persuna kient tajba ukoll. Is-Sindku kompla jispejga li hemm zewgt alternativi, jew noħorgu talba għal wiehed, jew noħorgu talba għal-tnejn.

Raymond Tabone propona li għandna immorru għas-sejħa ġdida u najtu għaż-żewgt persuni oħra.

Jane saqsiet jekk din il-persuna kientix tidħol li kieku ma irrezenjatx Candice. George Spjega li din tiħol flok William. Jane qalet li għandu jkun hemm fair play u isiru *interviews* oħra. Robert għamel *point of order*, fejn qal li mhux ser ikun *fair play* li din il persuna li għaddiet mil-interview ser ikollha terġa tapplika mill ġdid.

Carmel Hili qal li kient saret inġustizja ma dawk li kienu applikaw l-ewwel darba, li sakem kellimnijhom lura leħqu sabu xogħol. Issa għanda ċiklu li jekk niftħu applikazjonijiet mil-ġdid jergaw imorru għand minn qed japplika ix-xogħol fuq part 1 u wieħed bla xogħol. Il - probablita, issa spiċċaw numru ta' stuenti mil-universita u MCAST u dawn ikolhomhom ċans japplikaw u aħna baħala Kunsill ikolna ċans aħjar li jkolna nies iktar kwalifikati.

Ittieħdet votazjoni fejn

Raymond Tabone ipropona li bħal ma ġara fis-snin imogħoddi li la aħna tlabna għal tnejn, imorru ghal-tnejn. Dan kien sekondat min Jason Camilleri.

Graziella Galea kont proponut li la darba kien hemm aprovazjoni mid-Dipartiment, u kien hemm qbil illi din il persuna hija tajba, allura għandha tigi ingaċċata ukoll. Il-kontro proposta kienet sekontdata minn.

Votazjoni favur – Graziella Galea, Robert Piscopo u Daniel Grima

Kontra – Mario Salerno, Alexander Bezzina, Raymond Tabone, Mandy Buhagiar, Jason Camilleri, Jane Chircop u Carmel Hili

Votazjoni tal-propsota ta' Raymond Tabone: Favur- Mario Salerno, Alexander Bezzina, Raymond Tabone, Mandy Buhagiar, Jason Camilleri, Jane Chircop u Carmel Hili

Kontra: Graziella Galea, Robert Piscopo u Daniel Grima

**Item 8**: Annulament tal-laqgħa straordinarja, Is-Segretarju qallid-Dipartiment tal Kunsilli Lokali kien annulla laqgħa strordinrja li kienet seħħet. Is-Sindku spjega li billi l-*interviews* tas-Segretarju ezekuttiv ma' kien konklusiv minħabba li Graziella Galea ma kienitx iffirmat. Is-Sindku qed jirrizolta billi id-deċiżjoni li kienet ċara illi bħala bord ta' ġudikatura jkun hemm ħames membri biex jelimina kull kawżalita li tista' tqum u b'hekk ikun garantit illi l-bord tal-agidukazjoni jasal għar-rizultat billi tal-inqas ikun hemm tlett firem. Il-ħames membri huma: Mario Salerno -Cerpersin, Carmel Hili, Jane Chircop , Mandy Buhagiar, u Raymond Tabone. Dawn għandhom jiltaqaw Mas-Sur Adrian Mifsud biex jitfassal il-kontenunt ta' l-intervisti.

Din kienet propostata mis Sur Mario Salerno u sekondata mis-Sur Jason Cammilleri.

Hawn inqalet diskusjoni fuq jekk setatx tigi mibdula ir-rezoluzjoni.

Carmel Hili qal li din ir-resoluzjoni nistaw noħduwa bħala emenda tal-originali skont is-sitt skeda Art 15.

Is-Sindku qal li ser jieħu din ir-resoluzjoni bħala emenda ta l-originali.

Ray Bartolo kwota Art 7

Ivutaw favur – Mario Salerno, Alex Bezzina, Jason Camilleri, Raymond Tabone, Mandy Buhagiar, Carmel Hili u Jane Chircop

Ivutaw Kontra – Graziella Galea, Daniel Grima, Robert Piscopo.

Item 9 - Talba ta' *Works Manager* – Is-Sindku talab bien jitqabbad *Works Manager*. Ray Bartolo osserva li ġa għadna il-perit li jagħmel ċertu xogħol hekk. Mario Salerno qal li il-*Works Manager* ikun qed jiċċekja fuq il-kuntrati u dan ix-xogħolijiet. Talab li l-membri tal-Kunsill ikunux jistaw' jagħtu l-*input* tagħhom tekniku fuq din is-sejħa. Is-Sindku semma li ser issib voluntiera biex jgħinu fuq *tender verification*. Ray Bartolo osserva li tajjeb li ikolna dawn it-tip ta' nies pero dawn irrid ikun ċar li ma jistawx jitfaw tenders huma.

Ingaġġ ta Handy Man - Is-Sindku talab biex tinħareg call for applications biex jigu imqabda zewgt Handy Men, impjegati li jkun imqabdin mall-Kunsill. Is-segretarju osserva li jista jkun li irrid jingib il-permess min naha tad-Dipartiment; ser jitlob assistanza lid-Dipartiment. Is-Sindku ipropona ukoll ix-xiri ta' van għal-uzu tal-Kunsill. Saret diskusjoni jekk dan għandux jinxtara jew inkella ikun fuq *lease*. Ser issir studju fuq dan u naraw xi jkun jaqbel bejn Kiri jew xiri ta Van. Jason Camilleri intalab jiċekja fuq dan. Ser tinħareġ Expresson of interest beix tinġab l-informazzjoni fuq il-Van.

Trailers – instabet għalqa (ta' Pawlu Bartolo)– żewgt tomniet raba' – Tinkera għal uzu ta' trailer tad-dgħajes għas-somma ta' 640 Ewro. Din tinkera sal-15 ta' Settembru. Karozzi jistaw' jitpoġġew f'għalqa oħra. Għandu jkun hemm ukoll servizz ta' *minivan*. L-għalqa tinkera mill-Kunsill għal-uzu ta' terzi persuni. Ministru De Marco qabel ma' din il-proposta. Tqajjem l-argument li wieħed jispiċċa jikri din l-għalqa u tispicca ma' tintuzax għax wieħed ma jistax' iġelhom imorru hemm, bħal ma kien ġara meta intuza il-ground tas-Sirens snin ilu avolja kien hemm Park and Ride Service. Graziella Galea qalet li irridu nagħmlu By law biex wieħed ikun jista jinforza il-ligi fuq dawn in-nies. Din il-laqgħa hija tal-gvern u tinħadem min Pawlu Bartolo. L-laqgħa għada taddi it-triq minnha (10T project). Il-Kunsill mhux ser ikun responsabli għas-sigurta tal-post. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta

*Cleaner* – is-sindku talab li il-*cleaner* għandha tigi tnaddaf matul il-ħinijiet tal-ftuħ tal-Kunsill, u din ma ikollix iċ-ċavetta tal post (ta' l-ufficju ta isfel). Il-Kunsill qabel ma din il-talba.

Is-Segretarju talab il-permess biex il-bieb tal-kunsill (ta gewwa) isirlu *electric lock* ħalli jkun iktar sigur għal-impejgati. Dan wara li persuna prova jaqbad u jitħol gewwa. Il-*lock* ikun ta l-eletriku, u jkun jista jinfetaħ min mal-bieb u mad-*desk* ta' barra. Din giet approvata mill-Kunsill.

Aggornamenti

Graziella Galea Tender 313 sar il-meeting. Rigward il-moll tax-xemxija, dan kien qed jirreferi għal-moll iz-zgħir ta ħdejn il Beach Heaven. Mario Salerno talab biex issir ix-xol fuqu u jissewa bħal ma issewwa tal-Fekruna. Approvata.

Daniel Grima – nitolbu lil-MITA tigi tinstalla il-program fuq il-kompjuter li hemm isfel(tal-Kunslliera. Irid issir l-*abdudication baord* u għal dan ser jiltaw Daniel Grima u Mario Salerno biex jiftemu fuq dan il-board.

Jane Chircop – hemm bżonn naggornaw l-inventarju biex inneħħu numru ta epparat antik. Is-Sindku talab li issir board biex naraw liema huma dawk l-skrivani talbu għal-qanpiena. Is-Segretarju ser jiċekja fuq din it talba maħhom.

Robert Piscopo – Inbitlet id-data tal Party, din l-attivita ser issir is-sibt l'4 ta Awissu. Il Kunsill fl-aħħar laqgħa kien qabel li titella din l-attivta u ikolla budget ta' 1000 Euro. Minflok ser jisejjaħ Music Beach Fest, dan ser ikun magħruf bħala Beach Music Festival.Ser ikun hemm ukoll mużika stumentali minħabba il-permess. Tlett darbiet iktar.

Mario Salerno propona li jitella' Festival tat-tfal fejn dawn ikollhom l-opportunita jesponu it-talenti tagħhom. Ipropona li Anne fenech toħodha fidejha u taħdem fuq dan il-festival. Dan għandu jkun għal-Settembru qabel l-skola. Mario Salerno ser ikellem lils-sinjura Anne Fenech fuq din l-attivita.

Karnival tas-Sajf. Mario Salerno tenna li jekk dawn it-tnejn jinaqdu flimkien ikun jista issir il-Karnival. Ser jitekellem maż-żewgt promoturi u jara' iridux jaħdmu flimkien.

Ray Bartolo talab li fl-agenda tiddaħal dejjem item fuq Burmarrad. Għal din il-laqgħa ma hemm l-ebda aġġornament minħabba li il-laqgħaq tal-Kumitat Admministrattiv għada ma saritx. Is-segretarju ha nota.

Il-Laqgħa intemmet fit-tmienja u nofs ta fil-għaxija. Il-laqgħa li jmiss hija msejħa għal nhar il-Ħamis 9 ta' Awissu fil-ħamsa u nofs.

***Mario Salerno***
***Sindku***

***George Abdilla***
***Aġent Segretarju Eżekuttiv***

08 ta' Awissu 2012